# Għeluq il-75 sena mit-traġedja li seħħet f' Għajnsielem fit-tieni Gwerra Dinjija 1939-1945

M.Assunta Grima

Matul il-gwerra Dinjija li seħħet bejn is-snin 1939 u 1945, Malta u Għawdex għaddew minn snin iebsa u sofrew tbatija kbira, imma l-akbar ġerħa kienet li bosta nies tilfu ħajjithom ħesrem.



Fir-raħal ta' Għajnsielem kien hħemm 21 persuna li kienu vittmi tal-gwerra. Minn dawn, 14-il persuna tilfu ħajjithom għax sfaw mgħarrqa fil-baħar u s-seba' l-oħra tilfu ħajjithom fl-art. L-akbar traġedja li saret kienet dik li messet lill-familja Grech. Wenzu u Karmela kellhom disat itfal, ħames bniet u erba' subien. Kienu joqgħodu f'dar numru 112, Triq Ħamri. Wenzu kien surmast tal-iskola Primarja t'Għajnsielem, żewġ passi 'l bogħod mid-dar tiegħu. Wenzu kellu 53 sena u martu Karmela kellha 49 sena.

Kien il-jum xitwi tad-29 ta' Jannar tas-sena 1942. Wenzu kien il-knisja għall-quddiesa tas-sebgħa u martu kienet fil-kċina tlesti t-tè liż-żewġ subien, Ġużeppi u Karmelo ta'14 u 12-il sena li kienu għadhom kemm ġew lura mill-knisja għax it-tnejn kienu abbatini. Karmelo kien jgħaddi l-iljieli f'dar faċċata tagħhom ma' qassis anzjan, Dun Ġużepp Galea għax kien jgħix waħdu. Il-kbir fost l-aħwa kien Pawlu li kellu madwar 25 sena. Huwa kien pulizija, kien iservi Malta u kellu jiġi d-dar dakinhar filgħodu. Rita it-tieni waħda ta' 23 sena kienet qed tistudja biex issir għalliema, imma dakinhar ma kinitx sejra skola u kienet għadha fis-sodda, filwaqt li Amelja ta' 17-il sena u Ines ta' 16-il sena kienu neżlin it-taraġ biex imorru l-knisja. It-tnejn l-oħra, Tereża ta' 21 sena u Anġela ta' 7 snin, kienu f'kamra tas-sodda isfel. Anġela l-iżgħar fost ħutha kienet ser tagħmel l-ewwel tqarbina dik is-sena li seħħet it-traġedja.

Għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu nstemgħet splużjoni qawwija u dehret leħħa qisha berqa. Il-ħġieġ tat-twieqi tad-dar tas-Surmast Wenzu tfarrak kollu. L-omm u t-tfal bdew iwerżqu u ftit minuti wara nstemgħet splużjoni oħra akbar minn ta' qabel u l-balla ġiet eżatt fuq id-dar tal-familja Grech. Rita li kienet għadha fis-sodda baqgħet nieżla l-isfel bis-sodda b' kollox u ntradmet fit-terrapien. Wenzu li kien għadu l-knisja ħareġ jiġri lejn id-dar u xħin wasal ra d-dar imġarrfa infexx jibki kemm jiflaħ.



Ir-raħal kollu nġabar quddiem id-dar imġarrfa u min seta' beda jagħti l-għajnuna. Xi siegħa wara Rita ġiet salvata minn taħt it-tifrik u ġrew biha lejn l-isptar. Hija damet 37 ġurnata l-isptar u kemm damet hemm irċeviet il-ħatra ta' għalliema. L-omm u erba minn uliedha sfaw mirdumin u nstabu bla ħajja. Dawn kienu Karmela l-omm, Ġanninu, Ines, Emilja u Anġela..

Jumejn wara sar il-funeral ta' dawn il-vittmi li qatt qabel ma kien sar bħalu f'Għajnsielem. In-nies ta' Għajnsielem kollha nġabru fil-pjazza tal-knisja l-qadima biex jagħtu l-aħħar tislima lil ħames membri tal-Familja Grech. Kienet xena tassew ta' qsim il-qalb li ma tintesa qatt. Wenzu s-surmast ma felaħx iżomm fuq riġlejh. In-nies daru miegħu imma ħadd ma seta' jsabbru.

Wenzu s-surmast ma setgħax ikompli x-xogħol tiegħu fl-iskola t'Għajnsielem għax kull darba li kellu jgħaddi minn quddiem id-dar tiegħu mġarrfa, kien iħoss għafsa ta' qalb kbira u dmugħ jaqbiżlu minn għajnejh. Rita kienet bdiet xogħol ta' għalliema fl-iskola ta' Għajnsielem l-istess bħal missierha kienet issofri niket kbir. Għalhekk is-surmast Wenzu offrewlu li jmur fl-iskola tal-Qala. Madwar sena wara Wenzu s-surmast talab biex jiġi trasferit għal Malta biex forsi jtaffi ftit mit-tifkiriet tad-disgrazzja li messitu. Għalhekk hu flimkien mal-ħames uliedu li kien baqagħlu marru joqogħdu Malta. Pawlu it-tifel il-kbir kien diġà jaħdem ta' pulizija Malta. Wenzu u bintu Rita bdew jaħdmu fl-istess skola Malta. U għalhekk il-familja Grech ħadet postha f' Malta. It-tfal kibru u żżewġu u Wenzu safa' waħdu. Huwa xtaq li jkollu lil xi ħadd ma' min jista' jiftaħ qalbu. Għalhekk hu reġa' żżewweġ bil-permess ta' wliedu u l-familji tagħhom. Wenzu kellu żewġt it-tfal oħra minn tat-tieni mara. Wieħed minn dawn l-ulied huwa Lawrence Grech li għal bosta snin kien editur tas-Sunday Times of Malta.

Il-kunsill lokali ta' Għajnsielem ħaseb biex ifakkar lill-vittmi kollha ta' Għajnsielem tal-gwerra Dinjija 1939-1945, billi waqqaf mafkar qrib ħafna tal-knisja l-ġdida u fuqu naqqax l-ismijiet tal-persuni li ħallew ħajjithom hekk ħesrem. Dan il-mafkar ġie inawgurat fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mit-tmiem tal-gwerra, fis-7 ta' Mejju 1995. Għal din l-okkażjoni ħafna qraba tal-vittmi attendew fosthom dawk tal-familja ta' Wenzu Grech. Darba f'sena f'xi jum matul Novembru ssir ċerimonja li fiha issir tqegħid ta' fjuri fuq dan il-mafkar mill-qraba tal-Vittmi.

